MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 62/2008/1

**Kenneth Cefai**

**v.**

**Louise Cefai**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fit-13 ta’ Frar, 2008, li jaqra hekk:

“1. Illi l-kontendenti kienu ngħaqdu fiż-żwieġ nhar it-12 ta’ Awissu 1990, f’St Andrews, Tal-Ibraġġ kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok A;

“2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti għandhom tifel Jurgen-Pierre li llum għandu sittax-il sena;

“3. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u dan *ai termini* tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta;

“4. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minħabba l-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta’ wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u tad-dritt għall-att taż-żwieġ u dan *ai termini* tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta;

“5. Illi l-kunsens tal-intimata kien vizzjat għax għalkemm mhux interdetta jew marida b’moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minhabba raġuni temporanja, setgħet intellettwali jew ta’ rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ u dan *ai termini* tal-artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta.

“6. Illi minħabba r-raġunijiet premessi u minħabba raġunijiet oħra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola ż-żwiġijiet, iż-żwieġ bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-liġi.

“Tgħid għalhekk l-intimata għar-raġunijiet premessi għaliex m’għandhiex dina l-Onorabbli Qorti;

“1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 t’Awissu 1990 huwa null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Art 19 (1) (d), (f), u (h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Liġijiet ta’ Malta.

“2. Tordna li dina n-nullita’ tiġi reġistrata fuq l-att taż-żwieġ relattiv fuq indikat.

"Bl-ispejjeż kontra l-intimata li tibqa' nġunta minn issa għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi hu minnu li l-partijiet iżżewġu fit-12 ta' Awissu 1990 u miż-żwieġ tagħhom kellhom tifel uniku Jurgen Pierre.

"2. Illi iżda l-esponenti ma taqbilx li ż-żwieġ tal-kontendenti hu null u bla effett.

"3. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u ż-żwieġ bejn il-kontendenti konjuġi Cefai jiġi ritenut validu għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

"4. Illi l-esponenti m'għandhiex tbati ebda spejjeż għall-proċeduri odjerni.
"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Qorti Civili Sezzjoni Familja, fit-3 ta' Dicembru 2010, li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez tal-kawza kontra tieghu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Awissu 1990 a bażi tal-artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta qed topponi u kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *"f'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabli bl-iktar mod faċli u espedjenti. ... Hawn m'aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċjożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw*

*verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan m'għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991)."*

"Illi l-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw is-sub-inċiżi segwenti;

**"19 (1) (d)** – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

**"19 (1) (f)** – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ .

**"19 (1) (h)** – li l-intimata ma kellhiex is-setgħat intelletwali jew rieda biżżejjed biex toħloq kunsens għaż-żwieġ;

"Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Joseph Zammit vs Bernardette Zammit"** (27 ta' Jannar 2006);

*""Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili, u ċjoe' liż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti tal-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni, u ċjoe' li ż-żwieġ huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*"... is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affetwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta' min jenfasiżża hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha mpossibbli u mhux sempliċiment diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew*

*inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.*

*"Illi rigward id-dispożizzjoni kontenta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasiżżat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali."*

"Illi fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju 1995) intqal illi *"b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judici hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ*. F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru 1994), **"Robert Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu 1995).

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li *"biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew Kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija*

*psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta' tal-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali."*

"Illi l-attur ippreżenta affidavit fejn spjega kif iltaqa' mal-konvenuta u skond hu, kienet il-konvenuta li ħarġet bil-proposta biex isibu post u jibdew jaħsbu għaż-żwieġ. Jgħid li l-komunikazzjoni kienet kważi xejn u għalkemm ħaseb biex itemm ir-relazzjoni skond hu, kien jitħassar lill-konvenuta. Baqa' hekk sal-aħħar mument qabel iżżewweġ. Jgħid ukoll illi matul il-perjodu li għexu flimkien, ftit kienu d-drabi li kellhom relazzjonijiet intimi u dan mhux tort tal-attriċi iżda għaliex ma kienx iħossu daqshekk attratt minnha. Huwa kompla jgħid hekk:

*""Konna niġġieldu ta' spiss u dan kien ukoll jaffettwa n-nuqqas ta' attrazzjoni sesswali ta' bejnietna.*

*"Il-karattru tagħha kien totalment differenti minn tiegħi u hemm bdejt nara l-karattru proprju "dak il-karattru li jien ma kontx naf" minħabba li ma kellniex ħin ta' kommunikazzjoni qabel iż-żwieġ. Jien iktar bdiet ittini rasi meta rajt hekk.*

*"Meta twieled it-tifel kont kuntent ħafna u nħobbu ħafna pero' l-affarijiet ta bejni u bejn Louise baqgħu sejrin għall-agħar. Pruvajt naħtu ċans li forsi il-ħajja miżżewġa ta' bejnietna titjieb pero' kollu għalxejn u dan minħabba li ma kienx hemm imħabba ta' miżżewġin bejnietna. Tajt ċans speċjalment biex it-tifel jikber u jkollu l-eta' tiegħu fejn seta' jifhimni aħjar dwar minn xiex kont għaddej u li aħjar għal kulħadd li jien u ommu ma nibqgħux flimkien.*

*"Meta it-tifel kellu ħmistax-il sena jien spjegajt lit-tifel biex ma joħodhiex kontrija li rrid nitlaq mid-dar. Infatti ftit wara li sseparajna t-tifel stess kien qalli tibżax il-mummy qaltli li hi ma sseparatx qabel minħabba li jien kont għadni żgħir. Minn hemm indunajt li anki Louise kieku setgħat tissepara minn ħafna qabel pero' bħala rispett għat-tifel tagħna l-ebda wieħed minna ma ħa dan il-pass qabel mat-tifel kellu eta' biżżejjed li jifhem. Tlett xhur wara li żżewwiġna kont*

*naħdem part time u darba minnhom qadet tfittixli fil-bagalja tax-xogħol u sabitli ittra li jien kont qegħed nikteb f'isem il-ħabib tiegħi minħabba li kont naf nikteb bl-Ingliż iktar minnu fejn kien hemm imniżżel lill-Konslu tal-Kanada bħala talba biex jinħariġlu il-visa biex jemigra mat-tfajla tiegħu u qalli biex insemmi l-punti li hu kellu l-familja hemm, liema kellu xogħol imwiegħed lilu u anki li z-zijiet tiegħu kienu se jagħmlu tajjeb għalih. Din kienet għadha draft copy u wara li qratha minħabba li lanqas hi ma taf Ingliż tajjeb interpretat l-ittra kif fehmitha hi, ċemplet lil ġenituri tiegħi u lil ħija l-kbir tgħajjat li qiegħed naqlibilha u li se naħrab ma' tfajla u tgħidx kemm qalatli nkwiet li sa anki hija stess riedni mmur id-dar dak il-ħin avolja kont ix-xogħol.*

*"Ovvjament lil missierha ma wrietu u ma qaltlu b'xejn biex ma tinkwetahx, imma lil familti ma jimpurtax għax ma kienitx tħabbel rasha minnhom, anzi meta waslu familti d-dar Louise daħlet torqod u jien kelli nibqa' hemm nipprova nikkalma u niċċara l-hassle li qalat Louise minħabba li moħħha jiġri fejn jaqbilha u li hija għedtlu qegħed tara x'għamiltli dakinhar tat-tieġ aħjar ma ndħaltx u ħallejtni nagħmel dak li ħassejt jiġifieri nitlaq u ma niżżewwiġx għax issa se jkolli nġorr il-konsegwenzi kollha u ma ndumx ma nissepara għax ma niflaħx aktar bil-paroli fil-vojt tagħha. Minn dakinhar ma waqfitx tfittixli fil-mobile u fil-basktijiet tiegħi kull meta nirritorna mix-xogħol. Kont inħalli l-bagalja msakkra apposta għalkemm ma kellhiex x'naħbi imma hi ma nafx kif kienet tinterpreta bħalma kienet diġa għamlet. Kont inħossni mhedded mil-mara ġo dari stess.*

*"L-affarijiet ta' bejnietna komplew imorru iktar għall-agħar meta l-kuġina ta' Louise, Helen kienet mietet ħabta u sabta fejn Louise tant ħaditha bi kbira kważi iktar effetwata mentalment milli l-mewt ta' ommha. Din saref iktar u iktar nervuża, bdiet tiġi ossessjonata u tibża' minn kollox anki bil-lejl kienet toħlom u tqum imwerwra u tibki matul il-ġurnata għax din kienet qisha oħt li qatt ma kellha għax trabbiet magħha.*

*“Darba x’ħin rajtha daqshekk panikuża u taġixxi mhix normali kont issuġġerejtilha jekk tridx immoru nkellmu psikjatra biex jogħtiha xi pilloli jew kalmanti u hi dak il-ħin aċċettat, pero’ sakemm wasalna għall-fatti kienet qaltli mela jien miġnuna dawk l-imġienen imorru għandhom, u allura ma marret imkien.*

*“Wara t-twelid tat-tifel ftit snin wara Louise kienet qegħda tbati  minn fibromi fl-utru u kellha tagħmel żewġ operazzjonijiet u dawn komplew aggravaw il-karattru ta' Louise, meta t-tabiba rata qaltilha li aħjar tieħu il-pill pero’ meta twaqqafha hemm iċ-ċans li jerġgħu jiżviluppaw jew soluzzjoni oħra li tipprova tinqabad tqila ħalli jekk ikun hemm bżonn jitneħħa kollox għall-inqas kien ikollha tarbija oħra qabel.*

*Ippruvajna għat-tfal xi darbtejn pero’ mo setatx tinqabad tqila minħabba fija minħabba stress ta’ xogħol u dak il-ħin kien se jkollna x'naqsmu kien jiġi f'moħħi l-kliem u l-paroli żejjed li kienet tgħidli u allura kont nibred għax ma kontx naqbel kif jistgħu żewġ persuni jagħmlu xahar sħiħ jiġġieldu fil-għodu u fil-għaxija mbagħad jiltaqgħu f’xi ħin u jinħabbu biex jagħmlu tarbija.*

*“Louise kienet taħseb li jien ma kontx għadni tajjeb biex nagħmel it-tfal pero’ b’ħafna nsistenza min-naħa tagħħa mort nagħmel testijiet privati biex nara l-isperm count. Dak irriżulta li kien kollox normali, imbagħad it-tabib issuġġerixxa li Louise tibda tieħu injection f'ċertu data f'ċertu ħin u kien bilfors ikollna x'naqsmu sesswalment pero’ ma’ l-ewwel waħda jien min-naħa tiegħi ma kontx inkun erett sesswalment għax kont inħossni mġiegħel għax bilfors dak il-ħin u minħabba l-ħsibijiet li kienu jgħaddu minn moħħi dak il-ħin.  Meta ppruvajna l-għada wara li ħadet l-injection reġa’ ġrali l-istess u għadni niftakar il-kliem tagħha x’kienu "jien din tal-aħħar kienet mhux se noqgħod nieħu l-injection imbagħad int ma jirnexxilekx minħabba n-nejk ta’ moħħok”.  Ovvjament Louise kienet ħaditha bi kbira ħafna u saħansitra kienet qaltli li jien m’inix normoli jew gay.  Minn hemm il' quddiem kompla it-tgħajjir u l-akkużi ta’ kuljum.*

*"Ngħid illi jekk kellna x'naqsmu tnax {12)-il darba fi ħmistax-il sena miżżewġin flimkien qed ngħid ħafna!*

*Kwistjoni oħra li ta' sikwiet kienet tinqala' hi minħabba li rari kien ikollna x'naqsmu bħala miżżewġin għax jiena min-naħa tiegħi ma kienx ikolli aptit ikollna x'naqsmu sesswalment speċjalment wara xi tgħajjira jew xenata minn tagħha. Ma kontx inkun nista' jkolli x'naqsam magħha għax ma kienx hemm imħabba minħabba l-mod li kienet tkellimni.*

*"Louise kienet ukoll tinsinwa li kull segretarja li kelli, kont nipprova nagħmel date magħha u mhux talli kienet dejjem tgħajjar jew anki jkollna argument dejjem idaħħal il-ħaddiema tiegħi bejnietna. Din kienet tiġri ta' sikwiet ħafna fuq kull ħaddiema mara li kelli mpjegata miegħi. Kienet ukoll dejjem moħħha biex titkixxef fuq il-ħajjiet personali tal-impjegati tiegħi mbagħad tiġi u toqgħod tistaqsini ħafna domandi forsi mingħalija se taqbadni f'xi ħaġa.*

*"Louise kienet daħlet f'rasha li la jien mhux qed ikolli x'naqsam magħha u m'iniex gay allura kont qed ninqeda ma' ħaddieħor.*

*"Il-cleaner tax-xogħol kienet ħabiba tal-mara u anki kienet tmur tgħin lil mara d-dar allura din kienet tinqeda bil-cleaner biex issir taf il-ħajjiet personali tal-impjegati tiegħi. Fejn jien personalment lanqas biss kont inkun naf bihom imbagħad kont immur id-dar u Louise tibda tirrakkonta u anki tivvinta stejjer hi. Jien kont ngħidilna ma jinteressanix il-ħajja personali tal-ħaddiema imma dak li jagħmlu fuq ix-xogħol jgħodd.*

*"Darba minnhom Louise sabitli sms li jien bgħatt lil waħda Filippina fejn kont qed nistaqsi kif inhi għax kienet marida bil-cancer u marti għamlet plejtu fuqhu, din il-filippina jien sirt nafha għax kont qiegħed nipprova niftaħ skola mal-familja tagħha u sirt nafha minn fuq l-internet għax kienu bagħtuli xi domandi u qaltli li hi kienet marida b'cancer fejn ftit xhur wara mietet. Jien kont il-Filippini darbtejn biex nikkonkludi x-xogħol.*

*"Luise kienet tinżel tas-Sliema sikwiet partikolarment quddiem dar ta' waħda mill-kollegi tiegħi Elaine li kienet daħlet taħdem miegħi part time għal ftit żmien sakemm sibt segretarja full time biex tiċċekkja jekk kontx qiegħed inkun għandha matul il-ġurnata.*

*"Dan kollu minħabba li darba selliftilha stereo b'cd għax għamlet party lit-tifel tagħha u ovvjament bħala l-boss u bħala ringrazzjament stidnitni għal party u mort nofs siegħa kollox.*

*"Darba oħra kont imsiefer fuq xogħol Dubai u kollega tiegħi kienet marret tlett ijiem qabli biex tilħaq tirranġa xi appuntamenti biex jixtru xi xogħol. Meta wasalt jien Dubai tagħtni rendikont u din il-kollega tiegħi marret tqatta' ġurnata ma' ħuha li jaħdem mal-Emirates u niżlet lura Malta, waqt li jiena għamilt tlett ijiem oħra biex niltaqa' man-nies u ħadt l-istess kamra li kellha hi bbukkjata, allura din il-kamra baqgħet ibbukkjata fuq isem il-kollega Odette u l-mara Louise kienet ċemplet kuljum biex tara jekk kontx qegħed norqod mal-kollega tiegħi għax ma riditx temminni meta għidtilha li Odette qegħda Malta. Darba meta ċemplet kienet irrispondiet it-telephone tal-kamra Odette pero' kienet dik il-ġurnata li hi kienet se titlaq. Infatti kien hemm ukoll okkażjoni oħra li tlajna fiera Milan, pero' li titla' fuq xogħol ma kien hemm xejn ħażin iktar u iktar minħabba li hi kienet fuq dan ix-xogħol u wasalt fejn qiegħed fil-business tiegħi bil-ħila tiegħi u ta' Odette li kienet tgħini, u ta' ħija u mhux tal-mara għax din ħlief bsaten fir-roti ma kenitx tagħmilli. Avolja issa li sseparajna kelli nagħtiha l-parti tagħha tal-kumpanija bħala kumpens għax il-liġi hekk tgħid. Avolja hi dejjem kienet tgħid "jekk xbajt itlaq, tibżax mhu se neħodlok xejn mill-kumpannija", u dan kien anki f'messaġġ li batitli ġurnata meta jien kont kellimt lit-tifel li xtaqt nitlaq ftit mid-dar. Pero' issa sirt naf għaliex kienet tibgħat dawn il-messaġġi għax hi kienet xebgħat imma riedet lili nieħu l-ewwel pass għas-separazzjoni.*

*"Sitt snin ilu kelli segretarja jisimha Marina u din kienet titla' miegħi Għawdex fuq xogħol għax kont ftaħt ċentru fejn jingħataw il-lezzjonijiet u din Marina kienet tagħti xi*

*lezzjonijiet hemmhekk darba fil-ġimgħa. Allura kont irranġajt li nitilgħu darba fl-istess ġurnata ħalli nnaqqsu l-ispejjeż. Louise kienet dejjem tgħid li qegħdin nitilgħu hemm biex inkunu flimkien.*

*"Jiena mill-bidu nett ma kontx kuntent f'dan iż-żwieġ, saħansitra anke il-familja tiegħi kienu ndunaw għax qabel iżżewwiġt kont dejjem ġuvni ferrieħi pero' minn meta kont noħroġ magħha u wara li żżewwiġna totalment inbdilt. Sirt nervuż u qatt kuntent anki ibni jaf li qatt ma konna familja kuntenta għax minn dejjem niġġieldu.*

*"Anki issa li sseparajna, Louise għadha tagħmilli ħajti diffiċli għax meta jkollha xi burdata taqbad iċċempilli bi skuża tat-tifel u tinfex tgħajjarni u tinsultani.*

*"Meta kont ħadt id-deċiżjoni li daqt nitlaq għal ftit mid-dar biex naħseb x'se nagħmel u kont anki ddiskutejta mat-tifel, meta qomt l-għada fil-għodu nara lil Louise tippakkjali l-ħwejjeġ u l-affarijiet tiegħi, meta staqsejta x'inti tagħmel hi qaltli mhux int aħjar hekk issa itlaq dal-għodu ħalli n-neighbours ma jarawkx sejjer bil-basktijiet. Jien nammetti li kont ixxukkjat li din qabdet u tefgħatni 'il barra apparti li ma kontx naf fejn se naqbad immur, allura kont inzilt l-uffiċċju tiegħi fejn kelli sufan sodda u bdejt noqgħod hemm. Qalti ukoll biex niġi l-għada u niġbor il-kumplament ta' ħwejġi li kienet għadha ma ppakkjatlix, pero' daqs kemm kellha seba' mitt sena li titfagħni l-barra qabdet l-affarijiet li kien għad fadalli u niżlithomli l-uffiċċju fejn kont qiegħed norqod fis-sitta ta' fil-għodu meta ċemplet fuq it-telephone u qaltli inżel u wara l-bieb għandek il-kumplament ta' ħwejġek. Immedjatament ukoll sirt naf li kienet bidlet il-lock tal-bieb ta' barra u minn hemm indunajt li din kienet ilha tippjana li jien nitlaq u ħatfet l-okkażjoni ma l-inqas kelma li għidt. Jien min-naħa tiegħi dejjem insistejt li nibqa' nara lit-tifel regolarment u li nibqa' mmantnih sakemm isib xogħol u jkompli fl-istudju tiegħu għax dak hu dover ta' mħabba li kull missier għandu lejn ibnu li ma jaħtix pero' naf għax hu wrieni wkoll li issa qiegħed jgħix aħjar għalkemm darba qalli għax kien imweġġa' issa naf minn x'hiex kont għaddej għax it-tgħajjir*

*li kont taqla' inti issa qiegħed naqalgħu jien għax jien hemm magħha d-dar.*

*"Jiena nametti li l-aħħar ftit xhur ta' qabel is-separazzjoni meta kien ikun hemm xi tfajla barra mix-xogħol tiegħi li tagħdili xi kumpliment kien jogħġobni u nkompli magħha dan minħabba li kont nieqes ħafna minnhom minħabba li dejjem bqajt nissaporti issa kont wasalt fil-punti li ħadt id-deċiżjoni li daqt se nieħu l-passi għas-separazzjoni u li ma stajtx nissaporti iktar b'nuqqas ta' mħabba f'hajti. Ngħid illi qatt ma kellna jum wieħed kuntent flimkien u bqajt inbagħti l-iżball li ma ħassarniex fil-bidu nett għax qatt ma kellna relazzjoni flimkien. Louise għaġġlet biex nizzewġu għax kienet mietet ommha u riedet sigurta'. Komunikazzjoni bejnietna kienet ineżistenti. Nammetti illi jien qatt ma ħabbejt lil Louise iżda biss tħassartha."*

"Illi da parti tagħha l-konvenuta fost affarijiet oħra tgħid hekk:

*""Wara li żżewwiġna konna pruvajna li jkollna t-tfal mill-ewwel u fil-fatt mat-tieni xahar kont ħriġt tqila. Kenneth kien eċċitat biex jara jekk kontx tqila mill-ewwel jiem taż-żwieġ għaliex verament xtaq li nibdew familja. Meta kont għadni tqila niftakar illi Kenneth kien beda jaħseb li jibdel ix-xogħol biex ma jibqax jaħdem ta' bil-lejl u jkolli mmur norqod ma' missieri. Ikolli nammetti li dak li xehed Kenneth fl-affidavit tiegħu paġna 3 para. 2, jigifieri li kien kellem qassis u qallu biex 'jagħmel it-tfal' sabiex jingħaqad iż-żwieġ, huma affarijiet li qatt ma kont naf bihom għaliex Kenneth qatt ma qalli xejn. Anzi, Kenneth kien biddel ix-xogħol u kien sab xogħol ma' kumpanija bħala Project Manager biex ma jaħdimx bil-lejl. Kien minn hawnhekk li kien beda l-inkwiet.*

*"It-tifel tagħna Jurgen-Pierre kien twieled fit-13 ta' Mejju tas-sena 1991. Waqt il-pregnancy kien jgħin u juri nteress. Niftakar illi wara xi żmien it-tabib kien qalli illi jiena u Kenneth stajna nkomplu bir-relazzjoni sesswali tagħna. Meta kont għidt lil Kenneth kien qalli: "L-affarijiet mhux hekk – issa bil-mod." Wara ftit żmien li kellna t-tifel kont ħsibt li stajt erġajt ħriġt tqila imma ma rriżultax.*

*“Fl-affidavit tiegħu, paġna 3 para. 4, Kenneth jgħid: ‘Ngħid illi l-okkażjonijiet fejn konna nfittxu lil xulxin sesswalment kienu rari ħafna. Nammetti illi jiena ma kontx infittex lil Louise sesswalment sa minn meta żżewwiġna għax ma kontx miġbud lejha’. Nerġa’ ngħid illi Kenneth qatt ma kien jitkellem miegħi fuq dawn l-affarijiet u jiena nemmen li kien joqgħod lura minni għaliex minn ftit wara li żżewwiġna kellu lil ħaddieħor li kienet ir-rutina li kompliet matul iż-żwieġ tagħna kollu.*

*“Sakemm it-tifel kien għadu żgħir ir-relazzjonijiet tagħna kienu normali u ma kienx hemm inkwiet. Iżda sussegwentament żewġi biddel l-impjieg u biddel l-atteġġjament tiegħu lejja għalhiex bdejt ninduna li kien biered. Kif ser nispjega kien beda ħbiberija ma’ ċertu Odette.*

*“Ir-raġunijiet kollha li ta’ Kenneth għaliex ma kienx ikollna x’naqsmu flimkien sesswalment jiġifieri li għaliex jiena kont effetwata mill-mewt ta’ kuġinti (paġna 4 para. 3) jew għaliex kien ikun hemm ‘xi tajjira jew xenata minn tagħha’ (paġna 5 para 4) huma sempliċement skużi għal raġel li kien ikollu relazzjoni ma’ nisa oħrajn u għalhekk ma kellux il-bżonn li jfittex il-martu sesswalment.*

*“Il-karattru ta’ Kenneth inbidel bil-mod il-mod. Finanzjarjament kien baqa’ jieħu ħsiebna u anke noħorġu flimkien u nagħmlu attivitajiet flimkien. Imma fl-istess ħin kien qed jinbidel għaliex ma riedx jaf bija sesswalment u wara ftit taż-żmien kont sir naf illi Kenneth kellu relazzjoni ma’ tfajla oħra li kien jisimha Odette li kienet taħdem miegħu. Niftakar illi fil-Milied tas-sena 1991 kellna l-ikla tax-xogħol u Kenneth kien qalli li kienet ġejja magħna s-segretarju tiegħu Odette għaliex ma kienetx taf fejn. Waqt l-ikla kont bdejt ninduna illi din Odette kellha ħafna kunfidenzi ma’ żewġi. Meta kont insaqsi lil Kenneth fuqha kien jgħidli: “Inti miġnuna”.*

*“Kemm Odette u kif ukoll Kenneth kienu tkeċċew mill-kumpanija għaliex kienu qed jużaw xi informazzjoni fuq tenders għall-gwadann personali tagħhom. Għalhekk*

*Kenneth kien spiċċa bla xogħol u ddeċieda li jiftaħ kumpanija għal rasu. Kien beda jimporta l-istationery miċ-Ċina u jiena ma kontx naf illi Odette kienet qed tgħinu għaliex hu kien jgħidli li ma kienx għadu jkellimha. Saħansitra Odette kienet imniżżla bħala 'shareholder' fil-kumpanija tiegħu Allied International Limited.*

*"Kenneth ried li jieħu 'overdraft' għan-negozju u jiena ma xtaqtx nidħol fid-dejn. Kien baqa' jgħidli sakemm ikkonvinċieni u kelli kontra qalbi nagħmillu garanzija bid-dar li kienet tiegħi għall-għoxrin elf lira (Lm20,000) u wara għal ħamest elef lira (Lm5,000) oħra.*

*"Kenneth kien daħal jaħdem ma' ħanut tal-kmamar tal-banju bħala Manager. Darba kont sibtlu xi ritratti taħt it-tapit tal-karozza ta' waħda mill-impjegati ta' l-istess kumpanija li kien jisimha Anabel. Sadanittant kien fetaħ ħanut ieħor Raħal Ġdid u jiena ma kontx naf bih għaliex kien qalli li kien ta' sieħbu. Kemm Odette kif ukoll Anabel kienu jaħdmu hemm. Kien hemm segretarja oħra li kienet taħdem miegħu li kellha kunfidenzi miegħu u din kien jisimha Josette. Kien iwassalha d-dar u kien jgħidli hu stess. Kienet iċċempillu d-dar imma darba kienet bagħtitlu messaġġ fuq l-iskytel u meta mort nara min kien nara li kienet Josette u qaltlu: 'Inħobbok, ċempilli fil-għodu, tinsinix'.*

*"Wara xi żmien, Kenneth kien ukoll telaq minn dan ix-xogħol u mar jaħdem ma' kumpanija tal-kompjuters u kien anke daħħal lil Josette miegħu. Sadanittant Odette kienet anke baqgħet preżenti. Darba kont ftaħtlu l-'briefcase' u kont sibtlu ittra li kien kiteb fejn kien applika għax-xogħol biex hu u 'tfajla' jmorru jaħdmu l-Isvizzera. Dak il-ħin kont bdejt nibki u kien daħal missieri u ried ikun jaf x'ġara. Jiena kont ftaħt qalbi miegħu u kien inkwieta ħafna. Jiena kont ċempilt lil ħuh Martin u kien ġie u ġab lil Kenneth miegħu mix-xogħol. Kenneth kien qal illi l-ittra kienet ta' sieħbu. Missieri kien qallu biex jaħlef illi ma kinitx tiegħu u Kenneth kien qal li ma kienx hemm għalfejn għaliex kien ħalef fuq l-altar.*

*"Kenneth kien beda joħroġ darba fil-ġimgħa filgħaxija u kien jgħidli li kien qiegħed jattendi kors. Kien biss wara li kont sirt naf illi kien qiegħed imur id-dar ta' Odette mingħand ommha.*

*"Kenneth ma kienx għamel suċċess bl-istationery u kien għalhekk illi ried jiftaħ għal rasu bil-kompjuters. Kien diġa' qed jaħdem ma' kumpanija tal-kompjuters f'dan iż-żmien. Kien beda jieħu informazzjoni mingħand il-kumpanija fejn kien qiegħed jaħdem biex jiftaħ negozju hu u meta nduna dak li kien jimpjegah, kien keċċieh. Kien tah kamra missieri biex jiftaħ u fil-fatt Kenneth kien fetaħ il-Learn Key, fi Triq Santu Rokku B'Kara. Kien għamel kollox bil-moħbi u kien hemm Odette taħdem miegħu minkejja li kien qalli li ma kienx għadu jkellimha lil Odette.*

*"Fil-fatt darba kont mort il-Learn Key bit-tifel għaliex ried jagħti aħbar tajba lil missieru. Meta wasalna kienu mbarrawli l-bieb Kenneth u ħuh Martin biex ma nidħolx u nara lil Odette hemm ġew. Kenneth kien saħanistra xtrali karozza 'second hand' bil-patt u l-kundizzjoni li ma nersaqlux 'l hemm aktar.*

*"Meta Kenneth kien jiġi d-dar wara x-xogħol hekk għall-ħabta tat-tmienja u nofs jew id-disgħa, kien jiġi bin-nervi u jgħajjat ħafna mat-tifel speċjalment. Kien mar Dubai. Odette kienet marret miegħu. Kont sirt naf għaliex Kenneth kien qal li sejjer Dubai fuq xi kompjuters imma meta għamel jumejn ma ċempilx u ċċekkjajt mal-lukanda kienu qaluli illi mhux hu kien hemm fil-kamra li kien qalli imma Odette. Jiena kont ċempilt lil ommha u staqsejt għal Odette u għidtilha li kienet mar-raġel tiegħi Dubai. Hi qaltli li kien mingħaliha li konna separati u fil-fatt kienet ikkonfermatli li Kenneth kien imur darba fil-ġimgħa għand Odette. Kienet bdiet tibki u qaltli li Kenneth kien ġennilha tifla.*

*"Wara li jiena qtajt minn magħha, Odette kienet ċemplet lil ommha minn Dubai u Odette kienet qaltilha illi jiena kont miġnuna u biex ma tagħtix kasi. Dak il-lejl stess kont ċempilt lil omm Kenneth u għedtilha u hi kienet ċemplet lil ħuh Martin. Kien ġie d-dar tiegħi u qalli illi Odette kienet*

*qed taħdem il-Learn Key sabiex trodd lura sebat elef liri Maltin (Lm7,000) li kienet serqet lil Kenneth. Kienu qaluli illi kienu ser ikeċċuha mill-kumpanija imma fil-fatt kienet baqghet taħdem hemm.*

*"Kenneth kien fetaħ uffiċju ieħor San Gwann u lili ma kien qalli xejn. Meta kont insaqsih kien jgħidli li kont qed nivvinta u li kont miġnuna. Iż-żwieġ taghna kien ibbażat fuq katina ta' gideb. Darba kont mort infittex dan l-uffiċċju u meta kont hemm kont sibt lil xi ħadd u saqsejt u kienu jafu lil Odette u bħala t-tfajla ta' Kenneth. Stennejt lil Kenneth ħiereġ u meta ġie kont kkonfrontajtu u tlaqt. Kien baqa' jċempilli u jgħidli li kien iħobb lili u lili biss. Kien għalhekk illi jiena kemm-il darba tkellimt ma' qassis minħabba l-problemi li ġabna fihom Kenneth u kont inħeġġeġ lil Kenneth biex jitkellem ma' xi ħadd biex forsi jieħu l-għajnuna li kellu bżonn. Minflok ma kien imur kien jgħidli li jien kelli bżonn l-għajnuna.*

*"F'Sajf partikolari, meta bdiet is-Summer School, Kenneth kien daħħal segretarja ġdida li kien jisimha Elaine. Minn hawn kienet bdiet relazzjoni oħra bejn żewġi u din it-tfajla. Kont sibtlu ritratti d-dar ta' Elaine u kien ħadli diversi affarijiet mid-dar bħal stereo, monitor tal-kompjuter u anke radio u kien tahom lilha għaliex rajthom fir-ritratt. Darba kien qalli li missier Elaine kien qiegħed jirrikattah u kien talbu xi flus u kompjuter u kien heddu li jgħid lil missieri – jiena ma stajtx nifhem għalfejn kien qiegħed jirrikattah missier Elaine.*

*"Xi xhur wara, Kenneth kien daħal l-isptar u kif kont ħdejh kien qalli biex nerġgħu nibdew mill-ġdid. Jiena dejjem ħfirtlu għaliex jiena xtaqt illi l-familja tagħna tibqa' magħquda. Madanakollu, Kenneth kien reġa beda u kien jibqa' fuq l-internet sa xi l-erbgħa ta' fil-għodu u kien qalli li kien ser jipprova jiftah skola l-Filippini. Darba kien daħal fis-sodda bil-laptop u kien ħasibni rieqda. Kien qieghed jitkellem ma' waħda Filippina fuq l-internet u kien qallha 'I Love you'. Ftit żmien wara kien qalli li kien sejjer il-Filippini għal tliet ġimgħat fuq xogħol. Lanqas kien tani l-lukanda ta' fejn kien meta kien sejjer.*

*"Meta kien imsiefer kont naddaftlu l-garaxx u sibt xi ritratti ta' Elaine flimkien mat-tfal tagħha. Kont ċempilt lil Kenneth u staqsejtu jekk din kinitx ir-raguni għalfejn kien qed jirrikattah missierha. Dan kien qabdu paniku li kien qabad ajruplan u ġie lura Malta. Meta ġie lura kont iċċekkjajtlu l-mobile għaliex daħallu messaġġ u dan kien mingħand il-Filippina u kienet qaltlu li kienet qed timmissjah u xtaqet terga' torqod miegħu. Jiena kont ħadt parir mingħand ħuh Martin u kien qalli x'niktbilha bħala risposta u hi kienet irrispondietni illi ma kinitx taf li kien miżżewweġ u talbitni skuża. Kenneth riedni nibdel in-numru tal-mobile tiegħi biex ma jkollix aktar kuntatt mal-Filippina. Jiena kont irrifjutajt li nbiddlu imma ma kontx kellimtha aktar.*

*"Sadanittant, kienu daħlu jaħdmu omm u żewġ tfajliet tagħha tewmin mal-kumpanija ta' Kenneth. Alla ħares kont tgħidlu xi ħaġa kontrihom. Kull fejn kien imur kien jieħu lil dawn it-tewmin ta' sittax-il sena miegħu u ma kienx jinteressah mill-iskandlu li kien qed joħloq. Darba ħadt lit-tifel il-Learn Key ħdejn missieru għaliex kelli appuntament u meta kont ilni nistenna, tlaqt u nara lil Kenneth fil-karozza ma' dawn it-tewmin idoqq id-diski. Nhar ta' Sibt kien imur iqatta' nofs ta' nhar id-dar tagħhom minflok ma kien iqatta' l-ħin ma' ibnu. Bilkemm kien jarah lit-tifel. Meta Kenneth kien l-isptar, it-tewmin u ommhom kienu jistennew lili nitlaq biex joqogħdu miegħu waħedhom. Darba rċeva messaġġ mingħand l-omm u kont qrajtu – 'Hope to see you love today'.*

*"Kenneth kien għadu f'relazzjoni ma' Odette f'dan iż-żmien li kienet taħseb illi kellu lilha biss. F'dan iż-żmien kienu avviċinawh xi nies mill-Kumitat ta' Birkirkara Football Club biex jsir 'Coach' tat-tim tan-nisa. Kien hawn meta beda l-inkwiet għaliex kien qabad ma' żewġ tfajliet oħra mit-tim li kienu Vanessa u Isabelle. Fil-fatt dawn it-tnejn xehdu l-istess fatt fl-affidavits tagħhom. Kont kellimthom jiena wkoll u kienu tawni ritratt ta' xi ħadd minnhom jitbewwes ma' żewġi, e-mails, u anke wrewni messaġġi li kien jibagħtilhom.*

*“Waqt li kien f’relazzjoni ma’ Odette, Vanessa u Isabelle, Kenneth kien anke beda relazzjoni ma’ ċertu Shirley li kienet daħlet segretarja mal-kumpanija tiegħu. Illum Kenneth jgħix ma’ din Shirley u għandhom tifla flimkien u Shirley qed tistenna t-tieni tarbija. Jiena kont issuspettajt li kien f’relazzjoni ma’ Shirley Kenneth kien rrefera għar-raġel li ‘kellha’ Shirley u jiena għalhekk indunajt illi Shirley ma kinitx għadha ma’ Sandro, ir-raġel tagħha. Sandro kien anke għamel affidavit biex jixhed il-fatti tiegħu tal-każ.*

*“Darba konna qed nippreparaw biex immorru l-quddies u Kenneth kien reġa’ bdielu u qalli li ma kienx ġej. Biex niċċajta kont saqsejtu jekk kienx qaleb ma’ tal-Jehovah minħabba li Shirley hija ta’ dan it-twemmin. Kif għidtlu hekk Kenneth kien beda jgħajjat u jiena kont mort il-quddies waħdi. Waqt li kont il-quddies, Kenneth kien saqsa lit-tifel kif kien iħossu kieku kellna nisseparaw jiena u Kenneth u t-tifel kien qallu li kien jeħodha bi kbira. L-għada fil-għodu, Kenneth kien qalli li ried jissepara u jiena kont verament ħadtha bi kbira minkejja dak kollu li kien għamilli Kenneth. Kont pruvajt nikkonvinċi lil Kenneth biex immorru għand ‘Counsellor’ biex forsi stajna naħdmu fuq il-problemi li kellna imma Kenneth ma riedx jaf. Kenneth kien qalli li kien ser jitlaq imma jiena offrejtlu illi joqgħod d-dar magħna u nibqa’ nieħu ħsiebu jiena sabiex ibni ikun jista’ jibqa’ jara lil missieru. Kenneth kien ippakkja l-għada u telaq u kien qalli li kien sejjer il-Learn Key (kumpanija) l-ewwel. Qabel telaq kien qabad salib u beda jahlef li lili qatt ma’ kien bidilni ma’ mara oħra. Dak li xehed Kenneth fl-affidavit tiegħu paġna 7 para 1 imur kontra dan għaliex jgħid:*

*““Jiena nammetti li kont ixxukkjat li din qabdet u tefgħatni ’l barra apparti li ma kontx naf fejn ser naqbad immur.”*

*“Mhux talli ma kontx keċċejtu, imma kont tlabtu bil-ħniena biex jibqa’ d-dar speċjalment sabiex lit-tifel ma nirrovinawlux ħajtu.*

*“Wara kont sirt naf mingħand Isabelle u Vanessa tat-tim tan-nisa, li meta telaq mid-dar kien ċempel lilhom u qallhom li telaq mid-dar u anke lil Elaine li kienet*

*segretarja (li anke kellu relazzjoni magħha) u din kienet offrietlu li tibda taħsillu l-ħwejjeġ. Wara li kien telaq mid-dar, konna għaddejjin jiena u t-tifel nhar ta' Sibt minn ħdejn il-Learn Key fil-ħdax ta' bil-lejl u it-tifel kien mar ikellem lil missieru. Flok missieru kien fetaħ il-bieb ħu Shirley. Kenneth ma riedx li jitla' t-tifel għaliex Shirley kienet fuq.*

*"Kien għalhekk li jiena ħassejt li kelli bżonn insir naf il-verita' u kont ikkuntattjat lil Sandro, ir-raġel ta' Shirley. Kont kellimt lil omm Sandro u kkonfermatli illi kienu qed jisseparaw Shirley u Sandro. Kienet qaltli li anke huma kellhom suspett illi Shirley kienet ma' Kenneth għaliex kien xtralha kullana tiswa elf lira Maltin għall-Milied. Sandro qalli li konna ser insiru nafu dalwaqt x'kien qed jiġri. Fit-18 ta' Mejju 2006 kont irċevejt messaġġ mingħand Sandro bil-lejl u qalli li Kenneth u Shirley kienu flimkien fid-dar fejn kien jgħix Sandro ma' Shirley. Konna morna aħna u anke l-ġenituri ta' Shirley. Kif fetħet il-bieb Shirley, ommha tatha daqqa ta' ħarta għaliex skond it-twemmin ta' Jehovah, adulterju jeskludi membru mit-twemmin. Ovvjament, Kenneth kien hemm magħha u jiena kkonfermajt din l-infedelta' li kienet ilha għaddejja snin twal minkejja li kien ħalef Kenneth li qatt ma kien bidilni.*

*"Wara li I kienet saret taf b'Shirley u b'Isabelle riedet tiltaqa' ma' Kenneth biex tkun taf għaliex kien magħha u ma' l-oħrajn fl-istess ħin. Meta kienet miegħu kienet irrekordjat il-konverżazzjoni fuq il-mobile. Kenneth kien taha l-indirizz tiegħu u kien qal lil Isabelle biex tiġi tgħidli kollox ħalli aktar iġġenninni. S'hawn waslet il-krudelta' ta' Kenneth. F'dak li kien qal lil I dakinhar kien qal li jiena kont ħatja li kissirt iż-żwieġ għaliex kont naħseb ħażin fih.*

*"Wara kelli xi problemi minħabba li Kenneth kien beda jindaħal fir-relazzjoni li kelli ma' ibni li dak iż-żmien kien għaddej minn żmien diffiċli minħabba li kellu l-O' Levels u kien qiegħed jaffaċċja li jiena u missieru konna qed nisseparaw. Kenneth beda jgħid li ż-żwieġ tagħna ma kienx jagħmlu kuntent u dan meta bħala familja għaddejna ħafna mumenti speċjali flimkien u konna nsiefru u*

*norganizzaw 'weekend breaks' bħala familja. A kien anke darba għamilli 'Surprise Party' f'għeluq snini u anke tani kartolina (Vide kopja annessa markata _____ li biha wrieni kemm kien iħobbni. Iż-żwieġ tagħna kien hieni u l-problema kienet l-infedelta' ta Kenneth li bdiet minn wara li żżewwiġna.*

*"Kenneth u jiena żżewwiġna għaliex konna ninħabbu. Ma kienx hemm l-ebda raġuni għalfejn kellu jitħassarni għaliex jiena kont tifla unika u trabbejt f'ħafna mħabba u fid-dar ma' missieri kont kuntenta ħafna u ma kien jonqosni xejn. Jiena naf minħabba f'messaġġ li bagħtli Kenneth stess fuq il-mobile tiegħi li jgħid hekk: "Jiena kull ma għandi bżonn li jkolli l-applikazzjoni (ghall-annullament) f'idejja nista' ma nkomplix għalih l-annullament. M'għandix x'nambih mhux biex niżżewweġ imbagħad inċempillek għax ħa timla' rasek għal xejn u emminni għal darba u ifhimni wkoll".*

*"Għandi messaġġ ieħor fuq il-mobile: "Le biex hi tkun tista' tmur lura u huma biex jaċċettawha trid turi li ma' min qiegħda għall-anqas applika għall-annullament u daqshekk. Emminni please mhux ta taffettwana lili u lilek f'ebda nkwiet jew ġlied."*

*"B'dawn Kenneth fehemni li jrid li jieħu l-annullament mhux għaliex jaf li hemm bażi għalih imma għaliex mingħajr ma jkunu annullati Kenneth u Shirley, Shirley ma terġax tiġi aċċettata fis-setta tal-Jehovah's Witnesses.*
*"Jiena dejjem ħabbejtu lil żewġi u qabel ma' żżewwiġna kienet il-ħerqa tiegħu li għaġġlet l-affarijiet imma xorta waħda nemmen li t-tnejn li aħna kellna r-rekwiżiti li kien hemm bżonn biex nidħlu għal żwieġ matur u mibni fuq l-imħabba. L-infedelta' ta' Kenneth ġiet wara ż-żwieġ u kienet ir-raġuni li minħabba fiha kisser il-ħajja tagħna flimkien. Ix-xhieda ta' Kenneth f'paġna 7 para. 3:*

*""Ngħid illi qatt ma kellna jum wieħed kuntent flimkien u bqajt inbagħti l-iżball li ma ħassarniex fil-bidu nett għaliex qatt ma kellna relazzjoni flimkien."*

*"Kenneth ma kienx imġiegħel minn ħadd biex ikompli bir-relazzjoni ta' bejnietna. Il-kunsens tiegħu kien sħih u kien jaf x'kien qed jagħmel meta daħal għaż-żwieġ miegħi. L-ewwel snin kienu sew u kien meta biddel l-impjieġ li bdiet l-infedelta' tiegħu. Dan kien kaġun ta' separazzjoni imma mhux ta' annullament taż-żwieġ."*

"Illi l-attur allura jsostni li hu għamel żball meta żżewweġ lill-konvenuta u allura qed jitlob l-annullament f'din il-kawża. Din il-Qorti dejjem jiddispjaċiha għall-partijiet li jidħlu quddiemha li jkunu għaddew minn trawma ta' żwieġ li jkun falla, iżda sfortunatament għall-attur f'Malta ma jeżistix ir-rimedju veru li jonqsu, u ċjoe' d-divorzju li l-Qorti tal-Familja probabbilment ma jkollha ebda problema li takkorda f'dan il-każ kieku dan l-istitut jifforma parti mill-ordinament ġuridiku tagħna. Annullament ma hux sostituzzjoni għal divorzju u allura l-Qorti bilfors trid tara jekk jeżistux ir-raġunijiet biex jiġi akkordat. (ara **"Parlato Trigona utrimque"** – deċiża minn din il-Qorti fl-2008).

"Illi l-Qorti tħoss li l-attur naqas li jipprova li teżisti xi waħda mill-lanjanzi ndikati fir-rikors. Il-Qorti billi semgħet il-partijiet tħoss li mingħajr dubju hija aktar kredibbli l-konvenuta li l-attur beda jonqos li jersaq lejha meta beda jkollu relazzjonijiet ma' nisa oħra. Kien għalhekk li l-attur ma baqax ifittex lill-martu għas-sess.

**"Il-Qorti għalhekk tħoss li kollox ma' kollox l-attur ma rnexxielux jipprova l-każ tiegħu u ċertament illi in vista tal-ġurisprudenza fuq imsemmija ma hemmx lok għall-annullament *ai termini* tas-sub-inċiżi (d) u (f). Fir-rigward tas-sub-inċiż (h) dan lanqas ma rriżulta, anzi l-konvenuta tat l-impressjoni lill-Qorti li hija mara għal kollox taf xi tkun qed tagħmel u fil-verita' aktar jixirqilha kompassjoni milli jixraqlu l-attur, għaliex kienet l-infedelta' tiegħu li wasslet għat-tmiem taż-żwieġ. Din żgur mhiex raġuni biex iż-żwieġ jiġi annullat."**

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha:

"......thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet "Kenneth Cefai vs Louise Cefai" deciza mill-Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni Familja fit-3 ta' Dicembru 2010, u minflok tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg huwa null filwaqt li tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna skont il-ligi u tordna li l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jigu addebitati lill-konvenuta appellata."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"……tikkonferma s-sentenza appellata tat-3 ta' Dicembru 2010 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghall-annullament taz-zwieg bejn il-partijiet li zzewgu fit-12 ta' Awwissu 1990, mil-liema zwieg twieled tifel, Jurgen-Pierre, li llum hu maggorreni.  L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-provvedimenti tal-Artikolu 19(1)(d)(f) u (h) tal-Att dwar iz-zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta).  Hu qed jallega li, fil-mument taz-zwieg, il-partijiet eskludew iz-zwieg innifsu, kienu jbatu minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u l-konvenuta ma kellhiex setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex tohloq kunsens.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-attur wara li sabet li ma kienx jirrizulta difett fil-kunsens ta' xi parti.  L-attur setgha ha decizjoni zballjata, izda ma jirrizultax li hu ma kienx jaf x'inhu jaghmel jew ghazel li jeskludi, b'att pozittiv, iz-zwieg innifsu.

L-attur appella mis-sentenza u baqa' jinsisti li z-zwieg tieghu ghandu jigi dikjarat null, bl-enfasi tkun mixhuta fuq l-allegazzjoni li l-kunsens tieghu ghadu jitqies difettuz a bazi tal-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) tal-imsemmi Kap. 255.

Ma jidhirx li, f'dan l-istadju, l-attur baqa' jinsisti fuq l-allegazzjoni tieghu li kien hemm xi difett fil-kunsens tal-konvenuta.

Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza **Baldacchino v. Duan**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:

*"It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

*"The First Hall of the Civil Court, in the case **Zammit v. Zammit**, decided on the 27th January 2006, said this on this issue,*

*""Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta` ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta' zwieg minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed*

*jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."*

*"Furthermore, this Court, in the case* ***Arqueros v. Arqueros Moreno****, decided on the 30th July, 2010, pointed out that when these two grounds are raised simultaneously there is an inherent contradiction which nullifies plaintiff's request. This Court put the issue in these terms:*

*""L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b'att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess. Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b'att pozittiv u b'impenn tal-volonta`, eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x'inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta' zwieg! Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, ghax bl-argumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta' wahda jew l-ohra mill-kawzali."*

*"One can indeed say, even in this case, that appellant's arguments in favour of a declaration of nullity of his marriage in terms of paragraph (d), nullifies his own arguments in favour of a declaration of nullity based on paragraph (f), and his arguments on the basis of paragraph (f), nullify what is said under paragraph (d), leaving plaintiff with no valid argument in support of his request!"*

Nonostante din il-kontradizzjoni inerenti fit-talba tal-attur, din il-Qorti regghet ezaminat il-provi prodotti u tghid li taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. L-attur kien jaf f'hiex diehel u kien qed japprezza x'kienu l-obbligi li johorgu miz-zwieg. Hu stess jghid li ried jizzewweg u ried jaghmel dan biex ikollu familja bhal kulhadd. Ried li jkollhom it-tfal u meta martu harget tqila ftit wara z-zwieg, it-tnejn laqghu l-ahbar tat-tqala bil-ferh. Bl-ebda mod ma jista' jinghad li hu kien ibati minn "inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti…fuq l-oggett tal-kunsens" (ara **Mizzi v. Mizzi**, deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru 2005); tant kien jaf u rrifletta fuq dak il-pass li kien qed jaghmel, li skont hu, kien inkwetat kienx qed jaghmel pass tajjeb jew le. L-attur kien konxju tas-sitwazzjoni li kien se jidhol fiha, kien jaf ukoll bil-konsegwenzi, u kellu l-kapacita` mentali jiddeciedi jiehux dak il-pass jew le. Jekk wara z-zwieg biddel il-hsieb (skont il-konvenuta, meta biddel ix-xoghol, u ltaqa' ma' tfajla ohra li taghtu l-wicc), dan ma jfissirx li l-kunsens kien difettuz. L-importanti hu li l-attur ha d-decizjoni li jizzewweg lill-konvenuta wara deliberazzjoni li ghamel, u ghad-decizjoni zballjata, ma hemmx rimedju kif qed jitlob l-attur.

L-attur jghid li hu zzewweg bhala forma ta' *escapism*, biex jitlaq mid-dar u ma jkunx wahdu, izda dan ma jfissirx li hu kien "imgieghel" jizzewweg. Jista' jkun li l-motiv biex jizzewweg kien ghax kien imdejjaq u ried jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu, pero`, hadd ma gieghlu jizzewweg u lanqas ma jirrizulta li l-kapacita` mentali tieghu kienet menomata. Il-konvenuta tghid li ghal zmien tal-hajja mizzewga, huma kienu kuntenti; kellhom tarbija u ma kienx jidher li l-attur ma kienx kuntent. Kollox tbiddel meta l-attur biddel ix-xoghol u beda jahdem ma' tfajliet ohra, u l-"gdid" beda joghgbu izjed mill-"qadim"!

Il-fatt li, fil-mument tat-tieg, kien jidher "nervuz u mdejjaq", ma jfissirx li ma kienx jaf x'inhu jaghmel. Anzi, ghax kien jaf x'inhu jaghmel li kellu dubbji dwar kienx se jaghmel pass tajjeb jew le. Finalment, ha decizjoni biex jizzewweg, u din id-decizjoni hada hu in piena

konsapevolezza ta' dak li kien qed jaghmel. Ir-rispett ghal principju ta' serjeta` fil-kuntratti jesigi li kulhadd irid jaccetta l-konsegwenzi tad-decizjonijiet li jiehu.

Hu risaput li l-infedelta` wara z-zwieg ma hiex raguni ghall-annullament tieghu. Mhux gust li ghax ragel iddejjaq minn martu u sab mara ohra aktar "friska", jallega li l-ewwel zwieg kien null biex ikun jista' jizzewweg mat-tieni mara! Min jaghti kelma hu marbut biha, sakemm ma jirrizultax li fl-ghoti tal-kunsens kien hemm xi difett. Kif jghid il-Viladrich ("Matrimonial Consent in the Code of Canon Law Annotated", Ediz. 1993 pagna 687):

*"…there is grave lack of discretion of judgment when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential right and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance."*

Dan ma jirrizultax f'dan il-kaz. L-attur kien intelletwalment matur u kien moghni bil-*liberta` di agire*, tant li wara li gharbel iddecieda li jizzewweg; skont il-konvenuta kien hu li haffifa halli tlesti l-preparazzjonijiet ghat-tieg. Kienu wkoll tkellmu fuq it-tfal u l-hajja futura taghhom, u, kif inghad, ried jibni familja mal-konvenuta, u hekk ghamlu sa ma xoghol gdid u kunfidenzi zejda sfrattaw kollox.

Minn imkien ma jirrizulta li tant kien hemm pressjoni fuq l-attur li ma kellux kunsens hieles, jew li kien mifxul u ma setax jifhem jew jaghrbel id-decizjoni tieghu fil-mument li tela' fuq l-altar. Anzi jirrizulta l-oppost, u cioe`, li ried jizzewweg, kif stqarr meta xehed in kontro-ezami quddiem l-ewwel Qorti.

L-attur jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma mmotivatx id-decizjoni taghha u ma kkunsidratx certi fatti tal-kaz. Dan, pero`, mhux minnu, ghax fil-fatt l-ewwel Qorti kkunsidrat il-provi li tressqu quddiemha, u qalet li l-aktar li jista' jirrizulta hu li l-attur ghamel zball meta zzewweg, izda dan, skont il-gurisprudenza, ma jwassalx ghall-annullament taz-zwieg. Ghal-fini tad-decizjoni

taghha, il-Qorti trid tezamina l-provi kollha prodotti, pero`, mhux mehtieg li taghmel riferenza ghal kull prova li tressqet, izda bizzejjed li ssemmi dik il-prova li hi bizzejjed biex issostni l-konkluzjoni li tkun se tasal ghaliha. Fil-fatt, din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Spiteri v. Martin noe**, deciza fit-28 ta' Novembru 2008, qalet hekk dwar il-metodologija ta' motivazzjoni f'sentenza:

*L-ewwel ilment tas-socjeta` attrici appellanti hu dak li l-ewwel Qorti omettiet mill-esposizzjoni ta' l-izvolgiment tal-process fatti li, skond il-fehma taghha, kienu rilevanti ghall-kawza. Din il-fehma mhix kondiviza minn din il-Qorti. Anke jekk b'mod konciz, is-sentenza tikkontjeni l-aspetti l-aktar essenzjali tal-kontroversja b'mod li kemm mill-esposizzjoni tal-fatti, kif ukoll mill-parti motivata taghha, huma individwati sew dawk l-elementi ta' fatt li gew mill-ewwel Qorti konsiderati. F'dan is-sens is-sentenza ottemperat ruhha sew mill-osservanza ta' dik il-forma stabbilita mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-Artikolu 218 tieghu. Jinghad a propozitu mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** f'bosta decizjonijiet taghha riferibilment ghall-artikolu 132 tal-Kodici ta' Procedura ta' dak il-pajjiz dwar il-kontenut tas-sentenza illi "l'esposizione, in sentenza, dei fatti di causa non si deve necessariamente tradurre nella riproduzione completa ed analitica dello svolgimento del processo ed in una particolareggiata narrazione delle deduzioni delle parti, essendo sufficiente che essa riassuma concisamente il contenuto sostanziale della controversia con l'indicazione, che puo risultare tanto dall'esposizione del fatto che dalla parte motiva, degli elementi rilevanti per la decisione" (**2001 Numru 5146**, **2000 Numru 13292** u **1981 Numru 1673**);*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------